**187. L-Onor. Godfrey Farrugia MP jipproponi:**

Illi fil-5 ta' Settembru 2018 il-*Panel of Experts* dwar is-sitwazzjoni fil-Libja mwaqqaf mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda rrapporta kif it-traffikar tan-nies u l-kuntrabandu tal-*fuel* Libjan għadu għaddej;

Illi r-rapport tal-*Panel of Experts* juri kif il-milizji fil-Punent tal-Libja għandhom taħt il-ħakma tagħhom raffinerija fil-Punent tal-Libja tal-belt ta' Zawija li minnha jbigħu *fuel* għall-kuntrabandu;

Illi r-rapport tal-*Panel of Experts* jgħid kif bosta bastimenti jitilqu minn Malta għal-Libja jew in-Nofsinhar tat-Tuneżija sabiex jiġbru dan il-*fuel* tal-kuntrabandu mbagħad isalpaw lejn ftit 'il barra minn Malta sabiex jagħmlu l-hekk imsejħa *ship-to-ship transfers*;

Illi rapporti tal-istampa jgħidu kif l-avukat ġenerali tal-Libja jistima li l-kuntrabandu tal-*fuel* mil-Libja għandu valur fis-suq ta' iktar minn US$750 miljun;

Illi r-rapport tal-*Panel of Experts* juri kif il-milizji Libjani li jittraffikaw il-*fuel* huma wkoll involuti fit-traffikar ta' immigrant;

Illi s-sejbiet tar-rapport tal-*Panel of Experts* jagħtu x'jifhem li jeżisti kartell internazzjonali ta' kriminalità organizzata li hu ffokat fuq it-traffikar tan-nies u l-kuntrabandu tal-*fuel* fiċ-Ċentru tal-Mediterran;

Illi jeħtieġ jiġi investigat kull element li jista' jagħti jew seta' ta protezzjoni lil dan il-kartell, ġej minn fejn ġej;

Illi minkejja l-arresti fil-Libja u fl-Italja u r-rapporti internazzjonali ma sar ebda arrest f'Malta;

Illi jeħtieġ li ssir investigazzjoni dettaljata u indipendenti dwar il-konnessjonijiet Maltin mal-kartell internazzjonali tal-kuntrabandu tal-*fuel*, u jekk hemm bżonn jitressqu nies il-qorti;

Għaldaqstant din il-Kamra tirriżolvi:

li titlob lill-Ġnus Magħquda sabiex twaqqaf kummissjoni internazzjonali kontra l-kriminalità organizzata u l-impunità skont il-mudell u l-preċedent stabbilit mill-Kummissjoni Internazzjonali Kontra l-Impunità fil-Gwatemala, għaċ-Ċentru tal-Mediterran sabiex:

a) tingħata r-responsabbiltà sabiex tmexxi u tikkordina l-investigazzjonijiet fir-reġun;

b) tressaq individwi fil-qrati, involuti jew kompliċi mal-kriminalità organizzata, jekk hemm bżonn f'Malta; u

li din id-deċiżjoni tkun komunikata lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u lill-Ġnus Magħquda sabiex minnufih jibdew il-preparamenti għat-twaqqif tal-kummissjoni internazzjonali msemmija f'paragrafu preċedenti.

27.10.2018